MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 462/2007

**Talba Nru: 462/07PBC**

**Mobisle Communications Limited
(C24655)**

**Vs**

**Stanley George Newbold**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm132.81c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut skond Client Contract numru 1009834 in rigward ghal servizzi lilu rezi

mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur ta’ bejn Lulju 2006 u Dicembru 2006.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm132.81c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------